**(vi) Ir-Relazzjonijiet ma' Istituzzjonijiet Internazzjonali**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta huwa membru tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u ta' l-Eurosistema u jieħu sehem b'mod attiv fi ħdanhom fil-korpijiet għat-teħid tad-deċizjonijiet.

Il-Bank jipparteċipa wkoll f'numru ta' istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea (UE). Dawn jinkludu l-Kumitat għall-affarijiet ekonomiċi u finanzjarji (EFC) u l-Kumitat għall-istatistika monetarja, finanżjarja u tal-bilanċ tal-pagamenti (CMFB). L-EFC jagħti pariri lill-Kunsill ta' l-UE dwar suġġetti ekonomiċi u finanzjarji. Is-CMFB jagħti pariri lill-Kummissjoni Ewropea dwar affarijiet statistiċi. Il-Gvernatur jattendi wkoll għall-laqgħat informali tal-Kunsill ta' l-ECOFIN.

Il-Bank, flimkien mal-Ministeru tal-Finanzi, iżomm relazzjonijiet ma' l-istituzzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali li Malta hi msieħba fihom. Dawn l-istituzzjonijiet jinkludu l-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF), il-Bank Dinji (IBRD), u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD).

L-IMF iżomm kuntatt mill-qrib ma' l-awtoritajiet monetarji fl-istati membri tiegħu sabiex jiżgura sistema monetarja u rata tal-kambju internazzjonali stabbli. Il-relazzjoni mill-qrib li hemm bejn il-Bank u l-IMF toħroġ mill-obbligazzjonijiet statutorji li Malta assumiet meta ssieħbet mal-Fond fl-1968. Il-Bank huwa responsabbli mit-transazzjonijiet finanzjarji li Malta jkollha mal-Fond.